MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-16 ta' Frar, 2009

Numru. 131/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH MERCIECA**

**KONTRA**

**EMAN EBEJER**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Eman Ebejer ta' 23 sena, bin Joseph u Mary nee' Zammit, mwieled Pieta nhar il- 25 ta' Awissu 1985, residenti fil-fond 17, Millenia, Triq San Pietru, Kirkop u detentur tal-Karta tal- Identita' bin- numru 439685(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli f’xi hin fit- 12 ta’ Frar 2009, gewwa Triq Sant’ Anglu Kirkop:

1) minn fond nru. 17, Leomar, ikkommetta serq ta’ flus, xi gojjellerija, kamera tar- ritratti digitali w/jew xi oggetti ohra, liema serq hu kwwalifikat bil- mezz, bil- valur, li ma jeccedix l- elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€ 2329.37) u bil- lok, u li sar ghad- detriment tal- koppja Leonardo u Maria Attard u/jew persuni ohra;

2) fl- istess fond cioe nru. 17, Leomar, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli w cioe’ bieb ta barra u tieqa, liema hsara ma tiskorrix l- elf mija u erba’ u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€ 1164.69) izda izjed minn mija u sittax il- Ewro u sebgha w erbghin centezmu (€ 116.47) ai termini tal- Artikolu 325 (1) (b) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta, liema hsara saret ghad- detriment tal-koppja Leonardo u Maria Attard u/ jew ta’ persuni ohra;

3) minn fond nru. 11 ikkommeta serq ta’ assortiment ta’ xorb alkoholiku w inbejjed, liema serq hu kkwalifikt bil-mezz, bil- valur, li ma jeccedix l- elfejn tlett miaj u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€ 2329.37) u bil- lok, liema serq sar ghad- detriment ta’ Raymond Camilleri u/jew ta’ persuni ohra;

4) fl- istess fond, cioe nru,. 11, volontarjament, hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli w cioe bieb ta’ barra, liema hsara ma tiskorrix l- elf mija u erba’ u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€ 1164.69) izda izjed minn mija u sittax il- Ewro u sebgha w erbghin centezmu (€116.47) ai terminu tal-Artikolu 325 (1) (b) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta liema hsara saret ghad- detriment ta’ Raymond Camilleri u/ jew ta’ persuni ohra;

5) finalment nakkuzah ukoll talli kiser il-provvediment tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta b’sentenza datata 10 ta’ Dicembru 2007, fejn l-istess Eman Ebejer kien instab hati ta’ ghadd ta’ reati ta’ serq u kien gie lliberat bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat, irregistra ammissjoni f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi in vista tal-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-Qorti sejra tghaddi biex tikkunsidra l-piena. Hija l-fehma ta’ din il-Qorti li l-imputat ghandu bzonn ta’ sorveljanza f’hajtu, kif ukoll ta’ assistenza. Mal-ammissjoni tieghu gie dikjarat ukoll fil-Qorti li uhud mill-oggetti misruqa minnu gew ritornati lil sidhom, u fadal jithallas lill-konjugi Attard is-somma ta’ €240 Ewro, u l-imputat hu lest li dawn iroddhom lura ukoll. Ghalhekk il-Qorti qeghdha tara rimors fl-imputat ghal eghmilu, u tispera li bi ftit gwida f’hajtu jkun kapaci jbiddel ir-rotta li hu qabad.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 269, 325 (1) (b) tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;
U l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tordna li jitqieghed taht Ordni ta' Probation ai termini tal- Artikolu 7 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta ghal tlett (3) snin.
Tordna lill-imputat ihallas is-somma ta' mitejn u erbghin Ewro (€240) lil Leonardo u Maria Attard ai terminu tal- Artikolu 24 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas-sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------